MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

Numru 164/2002

**Artikoli 203 u 209**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Louise Vella**
**Spettur Stephen Gatt**
**V**

**CARMELO CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CARMELO CAMILLERI** bin Emanuel u Maria Dolores nee Cutajar imwieled Pieta nhar l-wiehed u tletin ta' Jannar 1981 u u joqghod "Adrian House", Triq Trigance, Hal Luqa, detentur tal-karta tal-identita numru 92981M gie imressaq quddiemha akkuzat talli fl-ghoxrin

ta' Novembru 2001 ghall-habta tas-sebgha w kwart ta' filghaxija f'Ta' Xbiex;

1. B'eghmil zieni ikkorrompa lil Karen Giacomotto, persuna taht l-eta minn Ta' Xbiex;

2. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok espost ghall-pubbliku.
Semghet il-provi prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat disgha w ghoxrin ta' Frar 2002 esibit fl-atti a fol 16 markat bhala dokument CSH 2 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif ddikjara hu stess fl-ezami li sarlu mill-Qorti ai termini tal-artikolu 370(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar t-tmintax ta' Novembru 2002 kif jirrizulta a fol 19 tal-atti odjerni.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu kif registrata fis-seduta ta' nhar l-hmistax ta' Mejju 2003 u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta ta' llum l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat ai fini ta' piena li l-imputat ikkollobora bis-shih mal-Prosekuzzjoni, skuza ruhu tal-akkadut mal-vittma, w irregistra ammissjoni voluntarja fi stadju bikri tal-proceduri.

Rat li l-imputat ghandu fedina penali netta, bla ebda reat jew kontravenzjoni registrata fuqha u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi thoss li l-imputat m'ghandhux jintbaghat l-habs u ghandha tapplika l-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 203 u 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista tas-suespost **il-Qorti** thoss li l-piena idoneja hija dik li **tpoggi lil imputat CARMELO CAMILLERI taht ordni ta' probation ghal perjodu massimu moghti fil-ligi ta' tlett snin ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal tal-Probation li jigi maghzul mid-Direttur responsabbli.**

**L-imputat probationer ghandu joqghod ghad-direttivi kollha tal-Ufficjal tal-Probation, jzomm kuntatt regolari mal-istess Ufficjal tal-Probation u f'kaz li huwa jonqos li josserva xi ordni moghti lilu mill-istess probation officer, il-Qorti tezigi li tkun infurmata minnufih u b'hekk l-istess imputat probationer jerga jingieb quddiemha.**

**In oltre il-Qorti tikkunanna lil imputat CARMELO CAMILLERI ghal hlas multa ta' mija u hamsin lira maltin li ai termini tal-artikolu 14(2) il-Qorti qed taghtih l-fakulta li jhallashom f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa w ghoxrin lira maltin.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi moghtija lil imputat probationer u tordna notifika taghha lil Ufficjal tal-Probation.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------